# FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI.

**IMHALLEF**

**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 10 ta' Ottubru, 2001.**

**Kawza Numru: 10**

**Citaz. Nru. 1822/99GV**

Doc. 129-01

**Giulio Zammit**

**-vs-**

**Simone Camilleri**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi fid-29 ta' Marzu, 1999 waqt li l-konvenuta kienet qed isuq vettura numru KAC 806 f'Naxxar Road, San Gwann, minhabba traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku hija habtet mal-vettura numru KTM 250 propjeta' tal-attur u li dak il-hin kienet qed tinsaq minnu.

Premess illi b'rizultat ta' dan l-incident, li ghalieh kienet unikament responsabbli l-konvenuta, billi hija harget minn fuq *Stop Sign* minghajr ma' hadet il-prekawzjonijiet necessarji, l-vettura numru KTM 250, propjeta' tal-attur garbet hsarat konsiderevoli, u dana kif sejjer jigi pruvat waqt it-trattazjoni tal-kawza.

Premess illi b'rizultat ta' dan l-incident, l-attur soffra danni konsiderevoli, fosthom dawk rizultanti mill-korriment serju u ta' natura gravi, liema korriment jwasslu ghall-inkapacita ta' natura permanenti, liema inkapacita twassal ghad-danni attwali kif wkoll sejra twassal ghal danni futuri, *lucrum cessans*, u dana kif sejjer jigi pruvat waqt it-trattazjoni tal-kawza.

Premess illi l-konvenuta interpellata biex taghmel tajjeb ghad-danni sofferti u li sejjer isofri l-attur bhala konsegwenza ta' l-incident, u dana permezz ta' ittra ufficjali, baqet inadempjenti u kellha ssir din il-kawza.

L-attur talab lil din il-Qorti biex:

1 tiddikjara li l-konvenuta kienet unikament responsabbli ghall-incident tat-traffiku li gara fid-29 ta' Marzu, 1999 f'San Gwann, u ghad-danni kollha rizultanti lill-attur bhala konsegwenza ta' dan l-istess incident.

2 tillikwida d-danni sofferti mill-attur okkorrendo bl-opra ta' Periti nominandi.

3 tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur dawk id-danni li jigu hekk likwidati kif fuq intqal flimkien ma' l-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta' din ic-citazzjoni.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' ittra ufficjali datata 9 ta' Gunju. 1999 u tal-konsult (Lm15.00) kontra l-konvenuta u ta' ittra ufficjali ohra pprezentata kontestwalment ma' din ic-citazzjoni kontra l-assikurazzjoni tal-konvenuta.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur a fol. 3;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta Simone Camilleri a fol. 12 li permezz taghha eccepiet;

1 Illi t-talbiet attrici huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u dan minhabba illi l-incident awtomobilistiku in kwistjoni sehh unikament minhabba traskuragni, negligenza, imperizija u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' l-attur illi kien qed isuq b'velocita' eccessiva, kif jista' jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Salv eccezjonijiet ulterjuri.

Rat in-nomina ta' Dr. Carmel Sciberras bhala espert mediku a fol. 15;

Rat ir-rapport tieghu a fol. 44;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet lill Avukati difensuri jittrattaw:

Rat in-noti tal-partijiet;

**TALBA**

L-attur qed jitlob li dina l-Qorti tiddikjara lill konvenuta unikament responsabbili ghall-incident li gara f'San Gwann fid-29 ta' Marzu, 1999 u ghad-danni konsegwenzjali sofferti mill-attur; tillikwida d-danni sofferti mill-attur okkorrendo

bl-opra ta' periti nominandi; tikkundanna lill-konvenuta thallas lil attur l-ammont hekk likwidat.

**ECCEZZJONIJIET**

Il-konvenuta eccepiet li hi ma kienitx responsabbli ghall-incident awtomobilistiku in kwistjoni imma kien unikament responsabbli l-attur minhabba traskuragni, negligenza, imperizja u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku billi kien qed isuq b'velocita' eccessiva kif jista' jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

**PROVI**

Skond **l-okkorrenza** a fol. 25 il-konvenuta qalet li:

Waqaft fil-kantuniera ta' Triq Caruana Dingli. Ma kienux gejjin vetturi u hrigt. Kif ghamilt hekk nizel mutur bi *speed* qawwi u baqa' diehel go fija.

L-attur qal li:

Kien niezel minn Naxxar Road lejn il-Knisja meta l-vettura l-ohra harget minn *side street* u saret il-habta.

Skond il *Police Version of Events*

*Car No. KAC 806 (tal-konvenuta) emerged from Caruana Dingli Street as there was no other vehicle coming when the motor cycle (ta' l-attur) came along and the collision took place.*

**P.S. 547 Martin Agius** xehed u kkonferma r-rapport li kien ghamel ta' l-incident. Hu qal li fi Triq Caruana Dingli hemm *Stop Sign*. Id-daqqa kienet fuq il-mutur kollu mentri l-karozza kellha daqqa fuq in-naha tal-lemin, *bumper* u *mudguard*. L-isptar hu kien staqsa lill attur kemm kien ghaddej *speed*, u qallu li kien ghaddej normali.

**L-attur** xehed li kien niezel Naxxar Road sejjer lejn il-Knisja ta' San Gwann. Kien ghadu d-dawl. Kien ghaddej b'xi 40 kfs, dar mar-*roundabout*, u kompla triqtu, u l-konvenuta qabdet u harget minn-fuq ix-xellug tieghu. Meta harget hu kien boghod minnha tul l-Awla fejn xehed. Ipprova jiskapula kif setgha izda baqa' diehel fiha. *Brakemarks* ma halliex; ma kienx hemm *speed*. Il-konvenuta harget minn fuq *stop sign* u minghajr sinjal ta' xejn. Mal-habta l-mutur waqaf fejn il-karozza u hu tar minn fuq il-karozza u spicca ma' l-art. Fl-incident kiser l-ghaksa.

**Il-konvenuta** (fl-affidavit taghha) qalet li kienet hierga minn Caruana Dingli Street, biex iddur go Naxxar Road u tmur il-Gharghur. Dak il-hin kien ghadu d-dawl. Hi waqfet fuq l-*stop sign* tistenna sakemm tohrog. Aktar il fuq minn Triq Caruana Dingli hemm *roundabout* u l-vizwali hi sa hemmhekk billi wara r-roundabout hemm liwja. Hi harget meta rat li ma kienx gej traffiku minn Naxxar Road. Hekk kif kienet qasmet nofs Naxxar Road f'daqqa wahda l-mutur dahal fiha bhal vlegga fil-karozza taghha. Ma tafx minn fejn gie l-mutur. Ratu biss mal habta. Kollox gara kemm trodd salib, u ma kelliex cans tirreagixxi u tevita l-mutur. Hi kienet kwazi dahlet fil-karreggjata l-ohra meta l-mutur dahal fiha u laqatha fir-rota ta' wara tal-lemin. Hi kellha hsara estensiva u l-mutur kien *total loss*.

**KONSIDERAZZJONIJIET TA' DRITT**

Skond il-*Highway Code*, l-artikolu 91 jipprovdi li: *Unless otherwise indicated, traffic on the major road has right of way on traffic crossing, joining or leaving the major road.". L-artikolu 84: Use extra care at junctions and intersections. STOP at STOP SIGNS.*

Gie diversi drabi ritenut mill-Qrati taghna li:

"*Is-side road user* ghandu l-obbligu li jcedi ghat-traffiku fuq il-*main road*, li jesplora tajjeb il-*main road* qabel johrog fiha, u li jimxi '*dead slow*' u sahansitra jwaqqaf, biex jaccerta ruhhu li jista johrog bla hsara.

**"Il-*main road user* ghandu wkoll l-obbligu li joqghod attent imma l-grad ta' diligenza li jinkombi lilu hu ferm anqas minn dak tas-*side road user* ghax hu ma jkunx qieghed jiddisturba l-kors tat-traffiku, imma jkun miexi ghad-dritt. "**

(Ara App.Civ. Mag. A. Stagno Navarra vs N. Saliba Vol. XLV p.1 p. 389; Il-Pulizija vs G. Buttigieg et Vol. XLV11 p. 4 p. 1198; VOl. XLV1 p.1 p. 112; Camilleri vs Dimech App Civ. 27.7.91; Portelli vs Spiteri PA/JSP 16.12.93; PA Gauci Maistre vs Galea 22.2.94 JSP).

**"Il-fatt li *s-side road user* gie milqut meta kien ittraversa bicca sewwa mit-triq principali huwa rrilevanti"**

App.Krim. Pul vs C. Balzan 27.5.67

"*Is-side road user* irid jidhol gol '*main road*' bla ma jiehu riskji li *driver* prudenti ma jiehux". *Side road user* ma jistax johrog go *main road* bl-izgiccaturi.

App.Krim Pul vs G.Gales Vol. 37 p. 1108

**"Meta wiehed jigi biex jaqsam it-triq b'karozza dan irid jara li ma jkunx hemm traffiku, mhux biss meta jibda jaqsam imma anke sakemm jaqsam ghal kollox".**

App Civ. H.Farrugia vs R.Ripard. 15.2.74

Rigward il-principji rikonoxxuti fil-gurisprudenza "*in civilibus*" rigward l-effett ta' **velocita' ecessiv tal-'*main road user*'** fuq id-determinazzzjoni tar-responsabilita' tas-sinistru, gie kostantement ritenut illi waqt li l-velocita' eccessiv ghal dik regolamentari, jekk tirrizulta pruvata, tesponi lid-*driver* ghall-proceduri kriminali kontra tieghu ghall-vjolazzjoni tar-regolamenti tas-sewqan appositi; tali velocita' eccessiva fiha nfisha ma tistax titqies a priori bhala fattur determinanti ghar-responsabilita' ghall-incident jew kontributorju ghalih. **Irid jigi stabbilit sodisfacentement illi l-velocita' eccessiva kienet l-element determinanti li pprovoka l-incident u li tista' titqies bhala l-kawza prossima tal-akkadut.**

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Il-konvenuta qed issostni fl-eccezzjoni u fix-xhieda taghha li l-attur kien ghaddej b'velocita'qawwija f'nofs it-triq.

**Sewqan ta' l-attur.**

Skond l-attur hu kien niezel minn Naxxar Road lejn il-Knisja ta' San Gwann. Kien ghaddej b' 40 kfs fil-*lane* tieghu u qabez ir-*roundabout* li hemm f'dik it-triq u f'daqqa wahda l-konvenuta harget bil-vettura taghha minn *side street* fejn kellha

*Stop Sign* bla preavviz u saret il-habta. Hu ma kienx qed isuq bi *speed* u lanqas halla *brakemarks*.

**Sewqan tal-konvenuta**

Il-konvenuta xehdet li kienet waqfet fil-kantuniera ta' Triq Caruana Dingli. Billi ma kienux gejjin vetturi harget. Kif ghamlet hekk nizel mutur bi *speed* qawwi u baqa' diehel go fiha. Il-mutur raghtu biss mal habta. Hija kienet kwazi qasmet it-triq kollha meta ntlaqtet mill-mutur.

**Tikkunsidra**

Fil-kaz in ezami l-attur kien il-*main road user* u kellu d-dritta fuq il-vettura li riedet tohrog fuq il-*main road* minn *side road* fejn kellha *Stop Sign.*

Minn access li sar privatament mill-Qorti jirrizulta li minn fejn kienet hierga l-konvenuta hemm vizwali mhux hazin (aktar mit-tul tal-awla li semma l-attur) sar *roundabout* minn fejn kien gej l-attur u kieku l-konvenuta harset jew harset sew kienet zgur tarah gej u ma tohrogx qabel il-*main road* kienet *clear*. Dak il-hin tal-incident kien ghadu d-dawl, kif qablu l-partijiet.

Dwar l-allegat *speed* ta' l-attur, il-konvenuta qed tassumi li kien hemm *speed* minhabba l-impatt li kien hemm bejn iz-zewg vetturi u ghax il-hsarat kienu estensivi. Il-konvenuta ma kinitx rat lill attur gej qabel l-incident, ghax probabilment ma harsitx jew ma harsitx sew, ghax hi kellha tara dak li kien in *plain view*. Hi raghtu biss mal-incident u ghax l-impatt kien qawwi qed tipprezumi li l-attur kien gej bi *speed*. Imma hemm fatturi mportanti li jindikaw li l-attur ma setghax kien gej bi *speed* qawwi. L-ewwelnett hu kien ghadu kemm innegozja

*roundabout* kbira mhux hazin u minn meta telaqha sakemm qabat it-triq fid-dritt ma kellux bizzejjed tul biex itella' *speed* qawwi. Inoltre meta l-attur habat bil-mutur mal-konvenuta, il-mutur spicca ma' l-art fejn il-karozza, u ma kienx hemm tkaxkir jew *brakemarks*.

Dwar il-hsarat fil-mutur wiehed jistenna li meta mutur jaqla' daqqa dan ser jehodha fuq il-mutur kollu ghax mutur mhux bhal karozza u anke jekk biss jaqa' ma' l-art issirlu hsara. Dwar il-karozza l-hsara hi limitata ghan naha tal-lemin ta' wara.

Inoltre l-fatt li l-konvenuta lahqet qasmet il-kareggjata hu rrilevanti billi l-ewwelnett dika l-parti fejn qasmet il-konvenuta tiehu zewg *lanes* biss, wahda 'l fuq u l-ohra l-isfel, u t-triq mhiex wiesa hafna, u kif kienet ser taqsam il-konvenuta, cioe' angolata, id-distanza tonqos. Imma aktar importanti hu l-fatt li meta taghmel manuvra bhal dika li riedet taghmel il-konvenuta, hi kellha tiehu hsieb li l-manuvra tkun *safe* mhux biss meta tibdiha imma sakemm tispiccaha.

Dwar xi kontributorjeta' li setgha kien hemm da parti ta' l-attur, apparti li ma jirrizultax li kien hemm *speed*, jirrizulta li l-attur kien qed izomm *look out*. Hu fil-fatt ra lill konvenuta fil-kantuniera izda dina qabdet u harget minghajr preavviz u ma taghtu ebda cans li jevita l-incident. Jigi notat li f'kaz ta' mutur mhux li kemm wiehed izomm il-*brake* f'daqqa biex jieqaf. Mutur ma twaqfux bhal karozza. Inoltre l-*indicator* li semmiet il-konvenuta ma kienx intiz ghall attur izda ghad-*drivers* ta' warajha.

Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li t-tort kien principalment u unikament tal-konvenuta li qasmet *main road* minn *side road* fejn kellha *stop sign* minghajr id-debita prudenza u *look out*, u li jekk kien hemm xi *speed* da parti ta' l-attur, li ma kienx

hemm (hu xehed li kien ghaddej bil-40 kfs biss) dan ma setghax kien determinanti li pprovoka l-incident jew il-kawza prossima tal-akkadut.

**LIKWIDAZZJONI DANNI**

***Damnum emergens***

**Hsara fil-mutur**

L-attur xehed li kien xtara l-mutur (*second hand*) tmien xhur qabel l-incident u xtrah Lm 2,900 u inxurjah ghall Lm 2,700 (ara Dok. a fol. 29). Il-mutur ma jissewwiex u gie dikjarat *total loss*.(ara fol. 43). *Wreck value* gie stmat Lm300.

**Dizabilita'**

It-tabib li kien opera fuq l-attur wara l-incident xehed li kien operah fl-ghaksa u llum qed ifieq sew u li jista' jahdem.

L-espert nominat mill-Qorti Dr. C. Sciberras, ezamina lill-attur u sab li dan minhabba l-incident spicca b'ghaksa l-leminija ftit iebsa. Aktar ma jghaddi z-zmien aktar tmur 'il quddiem izda ma tigix normali ghal kollox. Ic-cikatrici x'aktarx titbielu u ssirlu anqas prominenti. Hu tah dizabilita' permanenti ta' 3%.(tlieta fil-mija).

L-attur xehed li hu ghamel sena wieqaf. Hu ma hadimx minn Marzu sa l-ahhar ta' Mejju (ara fol. 30). Hu kien bi *probation* u minhabba l-incident waqfuh mill-impieg. Hu kellu paga *basic* ta' Lm57.50 fil-gimgha (fol. 32) Hu twieled fil-1979 (ara fol. 25) u kellu 20 sena meta gara l-incident.

***Lucrum Cessans***

Dwar *lucrum cessans* jirrizulta mill-provi li l-attur kellu ghoxrin sena meta gara l-incident. Il-Qorti hi tal-fehma li fil-kaz in ezami l-attur ghandu jinghata *working life capacity* ta' 35 sena.

Kwantu ghal paga li kien qed jaqla' l-attur li kienet ta' Lm57.50 fil-gimgha *basic*, il-Qorti ser tibbaza l-kalkoli taghha fuq paga ta' Lm65 fil-gimha biex tiehu wkoll in konsiderazzjoni ziedid li l-attur kien jiehu.

Dwar *lump sum payment* il-Qorti tirrileva li l-incident gara fil-1999 u dina s-sentenza fil-prima istanza ser tinghata sentejn wara. Ser jitnaqqsu ghalhekk 4% mit 20%.

**KALKOLU**

Il-*lucrum cessans* ghandhu ghalhekk jigi kalkolat kif gej:-

| | | |
|---|---|---|
| Paga | Lm 65 x 52 | Lm 3,380 |
| Ghal 35 sena | 35 x Lm3,380 | Lm111,830 |
| 3% Disabilita' | | Lm 3,549 |
| 16% Lump Sum | | Lm 2,981 |

**TOTAL Lm 2,981**

**RIEPILOGU**

**Lucrum Cessan Lm 2,981**

**Damnum Emergenz Lm 2,700**

**TOTAL Lm 5,681**

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi il-Qorti tiddeciedi billi tiddikjara lill-konvenuta unikament responsabbli ghall-incident li gara f'San Gwann fid-29 ta' Marzu, 1999 u ghad-danni konsegwenzjali sofferti mill-attur;

tillikwida d-danni sofferti mill-attur fl-ammont ta' Lm 5,681.00

tikkundanna lill-konvenuta thallas lil attur l-ammont hekk likwidat.

Ir-*wreck* ghandha tigi ritornata lill konvenuta altrimenti jzommha l-attur u jnaqqas Lm300 mill-ammont li ghandu jircievi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta u bl-imghax li jibdew jiddekorru fuq l-ammont mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**Deputat Registratur.**